ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 26/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 22 ta' Frar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-13:30hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***
John Luke Cassar ***Kunsillier***
Joseph Schembri ***Kunsillier***
Cody Galea ***Kunsillier***

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 26.2 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2020

26.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Accountant & Management Team Ltd., l-*Accountants* tal-Kunsill, kienu ppreparaw il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2020.

26.2.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn il-*financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

26.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2020. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'deficit għas-sena ta' €85,380. Dan id-deficit huwa riżultat ta' spejjeż *extra* li l-Kunsill kellu jagħmel minħabba żieda fil-prezzijiet ta' diversi servizzi. Fil-fatt il-*financial situation indicator* tal-Kunsill għalaq b'persentaġġ tajjeb, liema persentaġġ jilħaq is-17%.

26.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadmet mill-qrib mal-*accountant* biex tara li l-Kunsill ikun konformi ma' dak kollu mitlub mil-liġi.

26.2.5 Wara diskussjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, ġie deċiż li dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati.

26.2.6 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2020 jiġu approvati, kif ppreparati mill-*accountant* tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

26.2.7 Għaldaqstant dawn il-*Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, biex jgħaddu għand in-National Audit Office, l-Awdituri tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 26.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.2.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

26.2.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 25 jiġifieri nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu, 2021 fit-15:00hrs.

26.2.3 Il-laqgħa ntemmet fis-14:00hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 23 ta' Marzu, 2021

**Mozzjoni Ref:** 146/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Unaudited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2020.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 22 ta' Frar, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**